MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 11

L-Erbgħa 26 ta' Marzu 2025

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar l-Erbgħa 26 ta' Marzu 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur John Farrugia – Kunsillier
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur John Cassar - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

11.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

11.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 10 ġew ċirkolati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

11.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

11.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

11.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, għarraf lill-membri li ressqulu suġġeriment sabiex issir tabella fil-passaġġ tal-Isdieri biex il-pubbliku jgħaddi mill-passaġġ pubbliku biss. Kien hemm qbil dwar dan.

11.3.2 Is-Sindku ssuġġerixxa wkoll sabiex isir ftit xogħol ta' *patching* bil-konkos fit-trejqa li tagħti għal Għajn Tuta. Kien hemm qbil dwar dan.

### 11.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

11.4.1 Il-Kunsillier, Mark Busuttil staqsa dwar it-tkomplija tal-proġett tal-Enemalta Plc biex tingħata Triq San Xmun u Triq il-Kantra fix-Xlendi bit-tarmak wara li saru x-xogħlijiet relatat mat-tisħiħ tad-distribuzzjoni tal-elettriku. Is-Sindku wieġeb li l-kuntrattur li ser jagħmel dan ix-xogħol huwa l-istess wieħed li qed jaħdem fuq il-proġett ta' Triq Santa

Kunsill Lokali Il-Munxar

Dminka fil-Munxar. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil sabiex ix-xogħol imsemmi fix-Xlendi ma jsirx fil-jiem tal-Għid u lanqas fis-Sajf li jinsab fil-qrib ukoll. Il-Kunsillier Mark Busuttil ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fi Triq San Xmun fix-Xlendi hemm problema fis-sistema tad-drenaġġ li qed tiġi nvestigata.

11.4.2 Il-Kunsillier Mark Busuttil informa lill-Kunsill li l-latrina li tinsab fi Pjazza Anfori tinsab bla dawl minħabba xi ħsarat u għandha bżonn ta' rinnovazzjoni b'disinn kontemporanju biex tirrifletti ż-żminijiet tal-lum f'dal post turistiku. Kien hemm qbil mill-membri sabiex titressaq talba lid-Direttur responsabbli fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar.

11.4.3 Il-Kunsillier John Cassar staqsa dwar xi progress fuq il-proposta mressqa biex tiġi nstallata magna tar-riċiklaġġ tal-fliexken. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill għandu aġġornament ta' din il-materja fil-korrispondenza.

## 11.5 Proġetti u Inizjattivi fil-Lokalita';

11.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-proġett ta' tisbiħ fid-daħla tal-Munxar fi Triq Santa Dminka miexi b'rittmu tajjeb. Peress li d-data għat-tlestija tal-proġett hija sal-aħħar t'April, is-Sindku ssuġġerixxa sabiex din tiġi estiża bi tlett xhur biex il-Kunsill jilħaq jagħlaq dan il-proġett inkluż ix-xogħol amministrattiv ta' wara t-tlestija. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

11.5.2 Is-Sindku għarraf ukoll li bħalissa apparti l-proġett ta' tisbiħ fid-daħla tal-Munxar fi Triq Santa Dminka, għaddejjin b'komunikazzjoni kontinwa mal-Perit tal-Kunsill biex jiġu sottomessi permessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar għall-bust tal-Professur Ġużè' Aquilina fil-Munxar, għall-fanali dekorattivi fix-Xlendi u għall-kontinwazzjoni tar-*railing* fi Triq San Xmun fix-Xlendi.

## 11.6 Laqgħa Annwali tal-Lokalita';

11.6.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li skont l-artiklu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, trid tissejjaħ laqgħa pubblika li fiha jiġu ppreżentati r-rapport amministrattiv, ir-rapporti finanzjarji u l-Pjan ta' Ħidma.



Kunsill Lokali Il-Munxar

11.6.2 Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex din il-laqgħa ssir nhar it-Tnejn 14 t'April 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija. Kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill dwar dan u ġie deċiż li jinħareġ avviż li jitqassam f'kull residenza fil-lokalita'.

## 11.7 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

11.7.1 Applikazzjoni għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- Fireworks and Gastronomy Festival – 25 t'April 2025 organizzata mill-Kunsill Lokali Il-Munxar.

Il-Kunsill ser ikun qed jottjeni wkoll il-permess uffiċċjali tal-Pulizija għal din l-attivita'.

11.7.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Għaqda Għajn Tuta Ta' Kerċem minħabba għeluq ta' Triq Ix-Xlendi nhar il-11 ta' Lulju 2025 bejn id-9.00pm u l-10.00pm biex jinħaraq logħob tan-nar mill-inħawi tal-Isqawi fil-Munxar b'rabta mal-festa Ta' Kerċem. Huma għarrfu lill-Kunsill li t-traffiku ser ikun iddevjat lejn il-Munxar.
Il-membri tal-Kunsill ma sabu l-ebda oġġezzjoni sakemm tiġi mħarsa s-saħħa u s-sigurta' ta' dawk preżenti u dawk nvoluti, kif ukoll ikun hemm il-permessi kollha meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti flimkien ma' polza t'assigurazzjoni fejn meħtieġ.

11.7.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Uffiċċju Elettorali b'informazzjoni dwar eżerċizzju li ser ikunu qed jagħmlu fil-lokalita' tal-Munxar nhar is-27 ta' Marzu 2025, fejn vettura tal-elettriku mgħammra b'*cameras* fuq is-saqaf tagħha ser tkun qed tieħu ritratti tal-bini biex tiġbor informazzjoni. Il-Kunsill ġie mgħarraf li dan il-proġett huwa parti minn strateġija nazzjonali u għandu l-permessi kollha meħtieġa. Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand persuna residenti fix-Xlendi biex tiġbed l-attenzjoni dwar blat li jista' jkun li jċedi fl-inħawi tal-Għar ta' Karolina. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li minnufih għarraf lill-awtoritajiet fosthom lill-Pulizija, lill-Protezzjoni Ċivili kif ukoll lill-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar. Il-Pulizija rrispondew il-komunikat tas-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiġi sottomess rapport uffiċċjali fl-Għassa tar-Rabat Għawdex. Is-Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar

ikkonferma li r-rapport sar bir-referenza 12/POL/1073/2025. Il-Kunsill innota dan.

11.7.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand BCRS Malta sabiex il-Kunsill jipproponi post fejn tiġi nstallata magna għad-depożitu tal-fliexken fil-lokalita'. Wara diskussjoni bejn il-membri, kien hemm qbil sabiex din il-magna ssir fi Pjazza Anfori fix-Xlendi sakemm il-madwar tagħha tinżamm nadifa u tiġi mgħassa b'*cameras* tas-sigurta'.

11.7.6 Ċirkulari SPI/SCI/05/2025 – Espressjoni ta' Interess Finanzjament Karnival 2026. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex tiġi sottomessa din l-applikazzjoni għall-massimu tal-finanzjament biex issir l-attivita' tal-Karnival nhar il-Ħamis 12 ta' Frar 2026.

11.7.7 Ċirkulari SPI/SCI/06/2025 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. Din l-iskema ħa tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża sa massimu ta' €30,000 (inkluż l-VAT). Il-Kunsill Lokali huwa obbligat li mas-somma mogħtiha lilu jagħti l-kontribut tiegħu ta' 15%. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex tiġi sottomessa l-applikazzjoni għall-massimu tal-finanzjament b'rabta ma' investiment fil-bajja tax-Xlendi.

11.7.8 Ċirkulari SPI/SCI/07/2025 – Finanzjament: Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalita'. Din l-iskema ħa tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża sa massimu ta' €100,000 (inkluż l-VAT). Il-Kunsill Lokali huwa obbligat li mas-somma mogħtiha lilu jagħti l-kontribut tiegħu ta' 15%. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex tiġi sottomessa l-applikazzjoni.

11.7.9 Ċirkulari SPI/SCI/08/2025 – Espressjoni ta' Interess – TagħnaTfal Skema Ulied il-Kunsilliera. Għajnuna Finanzjarja għall-Servizzi ta' Kura tat-Tfal (Childminding) waqt Laqgħat Statutorji tal-Kunsill. Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.10 PQ 26386 - Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, Arti u l-Gvern Lokali – Kunsilli Lokali : Persuni b'diżabilita' – Impjegati. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba tiegħu.

Kunsill Lokali Il-Munxar

11.7.11 PQ 26525 - Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, Arti u l-Gvern Lokali – Kunsilli Lokali : Infiq fuq reklamar. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba tiegħu.

11.7.12 Ċirkulari Nru AKL 2025/016 – Collective Agreement for Clerical Employees. Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.13 Ċirkulari Nru AKL 2025/018 – Inizjattiva You Matter. Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.14 Ċirkulari Nru AKL 2025/019 – Open call for candidates, "Network of elected officials" - CL-YE | Appel à candidatures, Réseau d'élus - CL-YE. Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.15 Ċirkulari Nru AKL 2025/020 – Last Mile Transportation Launch. Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.16 Ċirkulari Nru AKL 2025/021 – Fire Warden Training 2025. Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.17 Ċirkulari Nru AKL 2025/022 – ECAD Membership 2025. Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.18 Ċirkulari Nru AKL 2025/023 – Kollaborazzjoni għat-tifi tad-dwal waqt l-attività tal-'Earth Hour 2025'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.19 Ċirkulari Nru AKL 2025/024 – Sistema ta' Ġbir ta' Karti tal-Identita'. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex il-Kunsill juri nteress biex joffri dan is-servizz.

11.7.20 Ċirkulari Nru AKL 2025/025 – Sistema tal-Ħlasijiet tal-Kontijiet. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex il-Kunsill juri nteress biex joffri dan is-servizz.

11.7.21 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mibgħuta mingħand is-Sur Paul Gatt, President tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjonali u ndirizzata primarjament lis-Sur Mario Fava, President tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. F'din il-korrispondenza s-Sur Gatt talab sabiex il-Kunsill ikollu l-informazzjoni kollha neċessarja dwar is-servizz propost għall-ħlasijiet tal-kontijiet tal-Ilma u l-elettriku fl-uffiċċju tal-Kunsill biex kulħadd jieħu deċiżjoni nfurmata u

Kunsill Lokali Il-Munxar

responsabbli. Huwa tenna li filwaqt li ANSEK taqbel mal-viżjoni, jixraq li wieħed jikkunsidra punti kruċjali bħal informazzjoni dwar kemm il-persuna tħallas b'dan il-mod, l-impatt fuq ir-riżorsi tal-Kunsill, l-ispejjeż involuti kif ukoll il-kwalita' tas-servizz.
Il-Kunsill innota l-kontenut.

11.7.22 Ilment 03/2025
Residenta titlob kumpens wara li ġarrbet xi ħsarat fuq il-vettura tagħha kawża ta' tabella tat-traffiku li waqgħet fuq il-karozza tagħha fix-Xlendi. Wara li l-membri raw li għandha d-dokumenti kollha rikjesti, kien hemm qbil biex jingħata dan il-kumpens mitlub.

11.7.23 Ilment 04/2025
Resident jitlob sabiex titneħħa tabella "No Parking" fi Triq Puniċi fix-Xlendi minħabba li qed jgħid li m'għadx fiha użu peress li kienet ġiet installata minħabba l-vettura tal-ġbir tal-iskart li issa qed iddawwar aktar 'il ġewwa. Il-membri rrimarkaw li din it-tabella hija biss valida għal satejn filgħodu hekk kif indikat fuqha stess. Kien hemm qbil sabiex ngħarrfu lill-kollettur tal-iskart dwar dan is-suġġeriment u filkas tinqala' jekk m'għadx fiha skop.

11.7.24 Ilment 05/2025
Resident jitlob sabiex jiġi nstallat *gutter* tal-ilma fuq il-bankina tiegħu biex ma jidħolx ilma tax-xita għand il-ġarr tiegħu. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

11.7.25 Ilment 06/2025
Resident jiġbed l-attenzjoni li qed jitqaċċtu xi siġar tal-bruk fix-Xlendi u minħabba xi tinet tar-ristoranti l-istess siġra tal-bruk ma titħalliex tikber. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan l-ilment jgħaddi għand il-Pulizija tal-Komunita'.

11.7.26 Ilment 07/2025
Residenta tiġbed l-attenzjoni dwar parkeġġ fi Triq il-Munxar li mhux qed isir fil-kaxxi u s-sinjali mmarkati. Qed tissuġġerixxi li tiġi nstallata tabella sabiex il-vetturi jipparkjaw bejn is-sinjali mmarkati. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan l-ilment jgħaddi lill-Pulizija tal-Komunita' u jsir infurzar fl-inħawi ta' spiss. Dwar it-tabella proposta kien hemm qbil mill-membri sabiex jinstab post addattat għat-tabella fejn ma jinħoloq l-ebda inkonvenjent għar-residenti.

Kunsill Lokali Il-Munxar

## 11.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

11.8.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 11/2025-9 għall-perjodu bejn il-21 ta' Frar 2025 u s-26 ta' Marzur 2025 li tammonta għal €33,993.06 ġiet approvata u ffirmata. Il-Kunsillier John Cassar kien il-proponent filwaqt li l-Kunsillier Mark Busuttil is-sekondant.

## 11.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

11.10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tnejn 14 t'April 2025 fis-6.45 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, t-Tnejn 14 t'April 2025.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar